# Reġistrazzjoni ta'
# SERVIZZI KONSULTATTIVI GĦALL-AZJENDI AGRIKOLI

Linji gwida għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

## 1. INTRODUZZJONI

It-twaqqif ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli huwa strumentali biex jgħinu lill-bdiewa jadattaw, itejbu u jiffaċilitaw il-ġestjoni u jtejbu l-prestazzjoni globali tal-azjendi tagħhom billi jtejbu l-potenzjal uman li jopera fis-settur agrikolu. Dawn il-linji gwida jagħtu indikazzjoni ta' x'għandu jikkostitwixxi s-Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli fir-rigward kemm tar-riżorsi tekniċi kif ukoll tal-qafas uman. Dawn il-linji gwida huma rilevanti għas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli li jservu biex jgħinu kemm lill-bdiewa kif ukoll lil dawk li jrabbu l-bhejjem bl-għoti ta' pariri professjonali u tekniċi b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

## 2. BAŻI LEGALI

L-Avviż Legali (LN) 99 tal-2019 jipprovdi l-bażi legali għat-twaqqif ta' Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli.

## 3. L-GĦAN TAS-SERVIZZI KONSULTATTIVI GĦALL-AZJENDI AGRIKOLI

Is-servizzi konsultattivi għandhom jimmiraw li jgħinu lill-bdiewa u lil dawk li jrabbu l-bhejjem biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamentazzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) u dik Nazzjonali primarjament fir-rigward ta':

- obbligi fil-livell tal-azjendi agrikoli li jirriżultaw mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-istandards għal kundizzjonijiet tal-art agrikola u ambjentali tajba ("kundizzjonalità")
- prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent u l-manutenzjoni taż-żona agrikola ("ekoloġizzazzjoni")
- miżuri fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-programmi ta' żvilupp rurali għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, il-bini tal-kompetittività, l-integrazzjoni settorjali, l-innovazzjoni u l-orjentazzjoni tas-suq kif ukoll il-promozzjoni tal-intraprenditorija
- rekwiżiti għall-protezzjoni, u għall-użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma
- użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
- ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara
- il-promozzjoni tal-konverżjoni tal-azjendi agrikoli u d-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika tagħhom

- ġestjoni tar-riskju u azzjonijiet preventivi xierqa biex jiġu indirizzati diżastri naturali, avvenimenti katastrofiċi u mard tal-annimali u tal-pjanti

- rekwiżiti minimi għal pagamenti agroambjentali u klimatiċi lil hinn minn standards obbligatorji u rekwiżiti minimi għal fertilizzanti u prodotti ta' produzzjoni tal-pjanti, anki fir-rigward tal-biedja organika
- informazzjoni relatata mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-protezzjoni tal-ilma

## 4. L-GĦANIJIET TAS-SERVIZZI KONSULTATTIVI GĦALL-AZJENDI AGRIKOLI

L-għan ewlieni tas-Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli huwa li jipprovdi servizzi konsulenza lill-bdiewa u lil dawk li jrabbu l-bhejjem għat-titjib tal-prestazzjoni globali tal-azjenda tagħhom. Sabiex entità ta' Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli tiġi rikonoxxuta mill-Bord għar-Reġistrazzjoni tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli (FASRB), għandha turi l-kapaċità tagħha li tipprovdi pariri dwar is-servizzi minimi konsultattivi li jappartjenu għall-oqsma ta' kompetenza li ġejjin skont il-kategorija tal-qasam konsultattiv magħżul mill-FAS innifisha:

- **Qasam Konsultattiv A — Kundizzjonalità**:

  Parir dwar Obbligi fil-livell tal-azjenda agrikola li jirriżulta minn rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMR) u l-istandards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art (GAEC). Nota (1): Il-Qasam Konsultattiv A Il-Kundizzjonalità għandha tiġi kkategorizzata fis-"subżoni" rilevanti kif ippreżentata fl-Anness II tar-Regolament (KE).
  Nota importanti: Għal kull subżona l-applikazzjoni għas-servizzi konsultattivi dwar l-irziezet għandha tindika fejn meħtieġ l-approvazzjoni ta' kwalunkwe konsulenti tekniċi li tkun inkisbet mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti skont ir-rekwiżiti statutorji ta' tmexxija (SMRs) u l-istandards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (GAEC).

- **Qasam Konsultattiv B — Agro-ambjentali**
  **Miżuri dwar il-Klima u l-Ambjent** (**AECMs**):

  Pariri dwar prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent kif stabbilit fil-'Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 dwar "Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent".

- **Qasam Konsultattiv Ċ — Programmi ta' Żvilupp Rurali:**

  Il-qasam konsultattiv Ċ huwa rilevanti għall-miżuri fil-livell ta' azjenda agrikola previsti fil-programmi ta' Żvilupp Rurali għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, il-bini tal-kompetittività, l-integrazzjoni settorjali, l-innovazzjoni u l-orjentazzjoni tas-suq, kif ukoll għall-promozzjoni tal-intraprenditorija.

- **Qasam Konsultattiv D — Miżuri Konsultattivi dwar id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma:**

  Il-Fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jirreferu fil-livell tal-irziezet il-miżuri bażiċi għar-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu rrispettati fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali u għandhom jikkonsistu minn:

- (a) miżuri meħtieġa biex tiġi implimentata l-leġislazzjoni Komunitarja għall-protezzjoni tal-ilma, inklużi l-miżuri meħtieġa skont il-leġislazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10 tad-Direttiva u fil-parti A tal-Anness VI tad-Direttiva;
- (b) miżuri meqjusa xierqa għall-iskopijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva;
- (ċ) miżuri li jippromwovu użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma sabiex jiġi evitat li tiġi kompromessa l-kisba tal-objettivi speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva;
- (d) miżuri li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva, inklużi miżuri biex tkun salvagwardjata l-kwalità tal-ilma sabiex jitnaqqas il-livell ta' trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb;
- (e) kontrolli fuq l-estrazzjoni ta' ilma ħelu tal-wiċċ u ta' taħt l-art, u sekwestru ta' ilma ħelu tal-wiċċ, inkluż reġistru jew reġistri tal-estrazzjoni tal-ilma u ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal estrazzjonijiet u sekwestri. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn dawn il-kontrolli, estrazzjonijiet jew sekwestri li m'għandhomx impatt sinifikanti fuq l-istat tal-ilma;
- (f) kontrolli, inkluż rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel ta' recharge artifiċjali jew żieda fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art. L-ilma użat jista' jinġieb mill-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ, sakemm l-użu tas-sors ma' jokkompromettix il-kisba tal-għanijiet ambjentali stabbiliti għas-sors jew il-korp tal-ilma mimli mill-ġdid jew miżjud. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati;
- (ġ) għall-iskariki ta' sors tal-punt li x'aktarx jikkawżaw it-tniġġis, rekwiżit għal regolament minn qabel, bħal projbizzjoni fuq id-dħul ta' inkwinanti fl-ilma, jew għal awtorizzazzjoni minn qabel, jew reġistrazzjoni bbażata fuq regoli ġenerali li jorbtu, li jistabbilixxu kontrolli ta' emissjonijiet għall-inkwinanti kkonċernati, inklużi kontrolli skont l-Artikoli 10 u 16 tad-Direttiva. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati;
- (ħ) għal sorsi diffużi li x'aktarx jikkawżaw tniġġis, miżuri li jipprevjenu jew jikkontrollaw id-dħul ta' kontaminanti. Kontrolli jistgħu jieħdu forma ta' ħtieġa għal regolament minn qabel, bħala projbizzjoni fuq id-dħul ta' kontaminanti fl-ilma, reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni minn qabel ibbażata fuq regolamenti ġenerali li jorbtu fejn din il-ħtieġa mhix stabbilita b'mod ieħor taħt il-leġislazzjoni Komunitarja. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati;
- (I) għal kwalunkwe impatt negattiv sinifikanti ieħor fuq l-istatus tal-ilma identifikat skont l-Artikolu 5 u l-Anness II, b'mod partikolari miżuri li jiżguraw li l-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi tal-korpi tal-ilma jkunu konsistenti mal-kisba tal-istatus ekoloġiku meħtieġ jew potenzjal ekoloġiku tajjeb għall-korpi tal-ilma indikati bħala artifiċjali jew modifikati ħafna. Kontrolli għal dan l-iskop jistgħu jieħdu forma ta' ħtieġa għal awtorizzazzjoni minn qabel jew reġistrazzjoni bbażata fuq regolamenti ġenerali li jorbtu fejn din il-ħtieġa mhix stabbilita b'mod ieħor taħt il-leġislazzjoni Komunitarja. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati;

- (j) projbizzjoni ta' rimi dirett ta' kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin: L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw injezzjoni mill-ġdid fl-istess akwifer ta' ilma użat għal skopijiet ġeotermali. Huma jistgħu wkoll jawtorizzaw, filwaqt li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għal:
— injezzjoni ta' ilma li jkun fih sustanzi li jirriżultaw mill-operazzjonijiet għall-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' idrokarburi jew attivitajiet ta' estrazzjoni, u injezzjoni ta' ilma għal raġunijiet tekniċi, f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li minnhom ikunu ġew estratti idrokarburi jew sustanzi oħra jew f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali mhumiex adatti għal finijiet oħra b'mod permanenti. Dawn l-injezzjonijiet ma' jridx ikun fihom sustanzi oħra minn dawk li jirriżultaw mill-ħidmiet imsemmija hawn fuq,
— injezzjoni mill-ġdid ta' ilma ta' taħt l-art ippumpjat minn minjieri u barrieri jew assoċjat mal-kostruzzjoni jew il-manutenzjoni ta' xogħlijiet ta' inġinerija ċivili,
— injezzjoni ta' gass naturali jew gass likwifikat miż-żejt (LPG) għal skopijiet ta' ħażna f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali b'mod permanenti mhumiex adatti għal skopijiet oħra,
— injezzjoni ta' gass naturali jew gass likwifikat miż-żejt (LPG) għal skopijiet ta' ħażna f'formazzjonijiet ġeoloġiċi oħra fejn hemm ħtieġa urġenti ta' sigurtà tal-provvista tal-gass, u fejn l-injezzjoni hija tali li tipprevjeni kwalunkwe periklu preżenti jew futur ta' deterjorament fil-kwalità ta' kwalunkwe ilma ta' taħt l-art riċevitur,
— Kostruzzjoni, inġinerija ċivili u xogħlijiet ta' bini u attivitajiet simili fuq, jew fl-art li jiġu f'kuntatt mal-ilma ta' taħt l-art. Għal dawn l-iskopijiet, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li dawn l-attivitajiet iridu jiġu trattati bħala li ġew awtorizzati provdut li huma kondotti skont regolamenti ġenerali li jorbtu żviluppati mill-Istat Membru fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet,
— skarikar ta' kwantitajiet żgħar ta' sustanzi għal għanijiet xjentifiċi għall-karatterizzazzjoni, il-protezzjoni jew ir-rimedjar ta' korpi tal-ilma limitati għall-ammont strettament meħtieġ għall-għanijiet ikkonċernati:
Sakemm dan il-ħruġ ma' jikkompromettix il-kisba tal-għanijiet ambjentali imwaqqfa għal dak il-korp tal-ilma ta' taħt l-art;
- (K) bi qbil mal-azzjoni meħuda skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva, miżuri biex jiġi eliminat it-tniġġis tal-ilmijiet tal-wiċċ minn dawk is-sustanzi speċifikati fil-lista ta' sustanzi prijoritarji miftiehma skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva u biex jitnaqqas progressivament it-tniġġis minn sustanzi oħra li inkella jwaqqfu lill-Istati Membri milli jilħqu l-għanijiet tal-korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ kif stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva;
- (L) kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiġi evitat it-telf sinifikanti ta' kontaminanti minn installazzjonijiet tekniċi, u biex jiġi evitat u jitnaqqas l-impatt ta' inċidenti ta' tniġġis aċċidentali pereżempju minħabba għargħar, inkluż permezz ta' sistemi li jidentifikaw jew jagħtu twissija ta' tali avvenimenti inkluż, fil-każ ta' aċċidenti li ma setgħux jiġu previsti b'mod raġonevoli, il-miżuri kollha xierqa biex jitnaqqas ir-riskju għall-ekosistemi akkwatiċi.

- **Qasam Konsultattiv E — Użu tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti:**

Taħt dan il-qasam, is-servizz konsultattiv għandu jikkonċerna r-rekwiżiti tal-livell tal-irziezet fil-livell tal-benefiċjarji kif definiti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, b'mod partikolari r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE. Dawn id-dispożizzjonijiet

jinkorporaw il-ħtieġa ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jridu jintużaw kif suppost, fejn l-użu xieraq għandu jinkludi l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-prattika tal-protezzjoni tal-pjanti tajba u l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u speċifikati fuq it-tikketta. Huwa għandu jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/128/KE u, b'mod partikolari, mal-prinċipji ġenerali ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, kif imsemmi fl-Artikolu 14 fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.

- **Qasam Konsultattiv F — Miżuri għall-użu ta' Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara:**

  F'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE, referenza għandha ssir għall-awtorità kompetenti rilevanti sabiex is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jkunu konformi mal-miżuri stabbiliti biex tiġi promossa l-ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi, u fejn possibbli tingħata prijorità lil metodi mhux kimiċi, sabiex l-utenti professjonali tal-pestiċidi jaqilbu għal prattiki u prodotti bl-aktar riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fost dawk disponibbli għall-istess problema ta' organiżmi ta' ħsara. Ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi tinkludi Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara kif ukoll biedja organika skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi.

- Li tista' tingħata għajnuna fil-kumpilazzjoni ta' formoli ta' applikazzjoni għall-finijiet ta' sussidji fir-rigward tal-CAP
- Il-FAS għandha tkun lesta li timpenja ruħha li torganizza korsijiet ta' taħriġ kemm għall-persunal tagħha kif ukoll għall-klijenti tagħha skont qasam konsultattiv li hija rreġistrata għaliha l-FAS.

## 5. IL-KRITERJI GĦAR-REĠISTRAZZJONI

### 5.1 Kumpilazzjoni tal-Formola ta' Applikazzjoni

L-entità li tkun tixtieq tirreġistra bħala Fornitur ta' Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli trid tikkompila l-Formola tal-Applikazzjoni skont l-Anness I, biex b'hekk timla u tipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha kif mitlub.

#### 5.1.1 Kumpilazzjoni ta' Taqsima 1: Id-dettalji tal-Applikant

(a) Jiddaħħlu l-Isem u l-Kunjom tas-Servizz Konsultattiv tal-Azjenda Agrikola li titlob rikonoxximent

(b) Din il-parti hija għall-użu tal-uffiċċju biss, kull Servizz Konsultattiv tal-Azjendi Agrikoli li jitlob rikonoxximent jingħata numru uniku ta' referenza

(ċ) Biex tiddaħħal id-data tal-applikazzjoni

(d) Jiddaħħlu l-Isem u l-Kunjom tar-Rappreżentant tal-Fornitur tas-Servizz Konsultattiv tal-Azjendi Agrikoli

(e) Jiddaħħlu d-dettalji ta' kuntatt tar-Rappreżentant tal-Fornitur tas-Servizz Konsultattiv tal-Azjendi Agrikoli

### 5.1.2 Kumpilazzjoni ta' Taqsima 2: Dettalji ta' Esperti u Konsulent jew Konsulenti

(a) Fil-parti A li jiġu inseriti Żoni u subŻoni li għalihom il-Fornitur tas-Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli qed jitlob rikonoxximent, skont l-Iskeda 1 tar-Regolament (L.N. 99 tal-2019 (CAP 117)

(b) Fil-parti B jiddaħħlu dettalji dwar il-persunal u tingħata wkoll deskrizzjoni qasira tar-rwol tagħhom fl-Entità skont iż-Żona Konsultattiva/is-subżona.

### 5.1.3 Kumpilazzjoni ta' Taqsima 3: Dokumentazzjoni supplimentarja — dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa fir-rigward tal-applikazzjoni

(a) Kopja tal-Karta tal-Identità tal-persuna li tirrappreżenta l-impriża
(b) Memorandum ta' Assoċjazzjoni reċenti
(ċ) *Curriculum Vitae* flimkien ma' traskrizzjoni tal-krediti tal-konsulenti tekniċi
(d) Kopja taċ-ċertifikat tal-VAT
(e) Il-Fornitur tas-Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli jeħtieġ li jħallas tariffa amministrattiva ta' EUR 50.

### 5.1.4 Kumpilazzjoni ta' Taqsima 4: Dokumentazzjoni Addizzjonali

(a) Il-Fornitur tas-Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli jeħtieġ li jissottometti dikjarazzjoni ta' konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli dwar il-leġislazzjoni.

(b) Il-Fornitur tas-Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli jrid jippreżenta prova ta' kompetenza teknika u professjonali biex jipprovdi servizzi konsultattivi f'mill-inqas żona jew subżona waħda konsultattiva (kif stipulat fl-Iskeda 1 tar-Regolament).

(ċ) F'din il-parti Fornitur tas-Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli jrid jindika r-riżorsi umani, il-kapaċità amministrattiva u organizzattiva, li diġà hija indikata fit-Taqsima 2 tal-Parti B, u għalhekk jekk it-Taqsima 2 Parti B tkun mimlija, il-Fornitur tas-Servizz jista' jimmarka dan il-punt.

(d) Il-Fornitur tas-Servizz għandu jippreżenta pjan tan-negozju flimkien mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti.

(e) Formola ta' Dikjarazzjoni ta' Konformità u Formola ta' Impenn (Anness I) għandha timtela u tiġi sottomessa b'indikazzjoni ta' impenn skont ir-Regolament.

(f) Il-Fornitur tas-Servizz għandu jippreżenta awtorizzazzjoni jew liċenzja mill-awtorità/awtoritajiet kompetenti rilevanti għall-forniment ta' tali servizzi tekniċi.

(g) Il-Fornitur tas-Servizz għandu jissottometti ċertifikat ta' kondotta nadifa tal-pulizija għall-individwi kollha msemmija fil-Partijiet A u B tat-Taqsima 2, li nħareġ fis-sitt (6) xhur preċedenti.

(h) *Curriculum vitae* dettaljat li jirrifletti l-partijiet A u B fit-Taqsima 2 tal-konsulenti li jaġixxu għall-Fornitur tas-Servizzi Konsultattivi tal-Azjendi Agrikoli flimkien ma' kwalunkwe prova addizzjonali ta' kompetenza biex iwettaq is-servizzi konsultattivi fiż-żona jew fis-subżona konsultattiva rilevanti.

(I) Il-Fornitur tas-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandu jressaq pjan ta' taħriġ.

(j) Kopja ta' kuntratt ta' servizz għal konsulenti esperti minn parti terza trid tiġi ppreżentata biss meta tkun applikabbli.

(K) Formola ta' Nuqqas ta' Kunflitt ta' Interess (Anness II) għandha timtela mill-Fornitur tas-Servizz biex jiddikjara n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess.

(l) Il-Fornitur tas-Servizz għandu jissottometti l-prova tal-ħlas tat-tariffa amministrattiva flimkien mal-applikazzjoni, kif stabbilit fl-Iskeda II (L.N. 99 tal-2019 — CAP. 117)

#### 5.1.5 Taqsima 5: Rinunzja

F'din it-Taqsima l-Fornitur tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli rikonoxxut għandu jiżgura li l-konsulenti tagħhom jiġu mħarrġa b'mod regolari, għalhekk għandu jaqra sew l-punti (a) sa (f) fl-applikazzjoni u jiżgura li jirrispetta tali kundizzjonijiet.

### 5.2 Struttura tal-FAS — Segregazzjoni tal-kompetenzi

L-għamla bażika tal-FAS għandha tinkludi 3 livelli ta' oqsma professjonali:

- Livell (3) Spettur fuq il-post: irid ikun infurmat dwar id-dettalji skont il-kategorija tal-qasam konsultattiv li ssir applikazzjoni għaliha u li jidentifika dak li huwa konformi u dak li mhuwiex.

- Livell (2) Persunal professjonali li huma responsabbli li jagħtu pariri jew jissuġġerixxu azzjoni ta' rimedju sabiex iġib l-azjendi tal-bdiewa konformi.

- Il-livell (1) Uffiċjal wieħed minn livell 2 jew kwalunkwe persuna kkwalifikata oħra tista' tintgħażel biex tirrappreżenta l-FAS bħala l-koordinatur.

L-istruttura bażika tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli għandha tikkostitwixxi dan li ġej:

**Livell 1**

Koordinatur (f'pussess ta' Lawrja u sentejn (2) esperjenza fi ħdan l-UE relatata mal-agrikoltura)

**Livell 2**

L-uffiċjali fil-Livell 2 għandhom ikollhom Lawrja relatata mal-oqsma ta' għarfien espert fil-kategorija tal-qasam konsultattiv li tkun saret applikazzjoni għalih.

**Livell 3**

Spetturi tal-għelieqi

In-numru ta' ħaddiema fil-post meħtieġa jiddependi mid-daqs tal-attivitajiet tal-entità, madankollu, il-ħaddiem fuq il-post għandu jkollu mill-inqas Diploma rikonoxxuta f'livell 5 li tirrifletti l-oqsma ta' studju koperti (eż.: bhejjem biss jew art u bhejjem relatati)

Fil-Livelli 2 u 3 tal-istruttura organizzattiva l-uffiċjali għandhom jattendu l-kors obbligatorju ta' tħejjija fi żmien sena minn meta jiġi ingaġġat mal-entità.

### 5.3 Faċilitajiet & Riżorsi meħtieġa għall-operat tal-FAS:

- Ħardwer u softwer tal-ICT
- Strumenti ta' fuq il-post (għalqa u razzett) għall-analiżi, il-monitoraġġ, eċċ.
- Oġġetti tal-uffiċċju
- Materjali ta' referenza li jinkludu librerija, arkivju u materjali ta' katalogu
- Pjan baġitarju relatat ma' żvilupp professjonali kontinwu ta' korsijiet qosra li ma jwassalx għall-kisba ta' kwalifika formali.
- Pjan ta' taħriġ għall-membri tal-entità tal-FAS.
- Pjan ta' taħriġ għall-klijenti tal-FAS

## 6. REĠISTRAZZJONI

Biex tipprovdi servizz, l-entità tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli trid l-ewwel tippreżenta applikazzjoni għal reġistrazzjoni lill-awtorità kompetenti li hija l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) wara avviż li jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

- Dikjarazzjoni ta' konformità mad-dispożizzjonijiet kollha tal-leġislazzjoni applikabbli għandha tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni. (Anness I)

- L-entità għandha wkoll tissottometti pjan ta' taħriġ li jkopri t-taħriġ tal-konsulenti tagħha stess u tal-klijenti tagħha.

- Kopja tal-kuntratt ta' servizz għal konsulenti esperti minn parti terza fejn applikabbli.

- Ċertifikat tal-kondotta nadifa tal-pulizija għall-individwi kollha maħruġa fis-sitt (6) xhur preċedenti.

- Pjan tan-negozju tas-servizz konsultattiv dettaljat.

- Dikjarazzjoni ta' Impenn skont ir-Regolament (ANNESS I).

- *Curriculum Vitae* flimkien ma' traskrizzjoni tal-krediti tal-esperti ewlenin għandha tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni għal kull espert bħala evidenza tal-kwalifiki tagħhom.

- Awtorizzazzjoni jew liċenzja mill-awtorità kompetenti rilevanti għall-forniment ta' tali servizzi tekniċi.

- L-entità għandha wkoll tippreżenta dikjarazzjoni li tindika li ma hemm ebda kunflitt ta' interess mal-klijenti tagħhom. L-entità hija marbuta li tiżgura li l-uffiċjali konsultattivi li jipprovdu pariri lill-entitajiet klijenti ma jkollhomx l-istess status ta' evalwazzjoni bħall-klijenti tagħha. (ANNESS II).

- L-entitajiet konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa tal-informazzjoni kollha pprovduta u tas-servizzi mogħtija lill-klijenti tagħhom mill-persunal tagħhom, u jridu jipprovdu dikjarazzjoni ffirmata għal dan il-għan meta jippreżentaw id-dokumentazzjoni tar-reġistrazzjoni rilevanti.

- L-entità għandha tħallas tariffa amministrattiva ta' EUR 50 meta tissottometti l-applikazzjoni.

- L-applikazzjoni hija vvalutata mill-Bord tar-Reġistrazzjoni tas-Servizzi Konsultattivi tal-Azjendi Agrikoli (FASRB) li jiddeċiedi jekk l-entità għandhiex biżżejjed riżorsi u għarfien espert biex tipprovdi konsulenza lill-bdiewa u lill-agroindustrija.

- Il-Bord tar-Reġistrazzjoni tas-Servizz Konsultattiv tal-Azjendi Agrikoli (FASRB) jivvaluta l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, jħejji lista tal-entitajiet kollha li, fl-opinjoni tal-Bord, jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni, u jirrakkomanda reġistrazzjoni lill-ARPA.

- L-ARPA tinkludi l-entitajiet approvati fir-reġistru u toħroġ ċertifikat li huwa validu għal sena.

- Il-Bord jipprovdi wkoll raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjonijiet tal-Bord li jaċċettaw jew li jirrifjutaw applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru jiġu nnotifikati bil-miktub mir-reġistratur lill-applikant fi żmien 30 jum mid-deċiżjoni.

- L-applikanti li ma jaqblux mal-eżitu tal-proċess ta' reġistrazzjoni jkollhom id-dritt li jappellaw minn tali deċiżjoni.

- Il-Bord għandu d-dritt li jikkanċella kwalunkwe ċertifikat mogħti skont id-dispożizzjonijiet iddikjarati f'L.N 99 tal-2019.

**SKEDA TA' TARIFFI GĦAR-REĠISTRAZZJONI GĦAL SERVIZZI KONSULTATTIVI GĦALL-AZJENDI AGRIKOLI**

Dawn li ġejjin għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni tal-Entitajiet Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli:

| DESKRIZZJONI TAT-TARIFFA | Euro |
|---|---|
| Tariffa Amministrattiva (Applikazzjoni) | 50 |

## 7. OBBLIGI TAL-ENTITAJIET TAL-FAS

- L-entitajiet konsultattivi għall-azjendi agrikoli rreġistrati huma obbligati li jsegwu l-pariri u r-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima (MESDC), u barra minn hekk l-entitajiet tal-FAS għandhom jiżguraw li x-xogħol ikkorrelatat ma jiġix indirizzat mill-gdidlejn,jew mitlub mill-MESDC, jew xi awtorità governattva oħra.

- L-entitajiet konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw ma' jew li jaċċettaw kwalunkwe bidla fl-impenji, li ssir skont dawn ir-regolamenti li jistgħu jkunu meħtieġa bħala riżultat tal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew dik nazzjonali.

- Huma għandhom jipprovdu s-servizzi elenkati fil-Kategorija tal-Qasam konsultattiv li saret applikazzjoni għalih (Skeda I ta' LN jew Anness III tal-Linji Gwida) u għandhom jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa tal-informazzjoni kollha provduta u s-servizzi mogħtija lill-klijenti tagħhom mill-persunal tagħhom.

- Il-Fornituri tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom jattendu kors ta' taħriġ speċjalizzat approvat mill-Ministeru responsabbli għall-agrikoltura li jkopri l-obbligi tal-Kategorija tal-qasam konsultattiv li tkun saret applikazzjoni għalih.

- Bidliet fid-dejta, fir-rekords jew fl-istatus tal-klijent għandhom jiġu rrapportati lill-Bord fi żmien għaxart'ijiem ta' ħidma.

- L-entità tal-FAS m'għandhiex tiżvela informazzjoni personali jew individwali li kienet miksuba permezz tal-attività konsultattiva tagħha minbarra l-bidwi li jmexxi l-azjenda kkonċernata, ħlief f'każijiet ta' irregolaritajiet jew ksur misjuba matul l-attività tagħhom li tkun koperta minn obbligu legali li tinforma lil awtorità pubblika.

- L-entitajiet tal-FAS huma obbligati jżommu rekords dwar l-attività u l-informazzjoni tagħhom dwar is-servizzi mogħtija lill-klijenti tagħhom. L-informazzjoni dwar il-klijenti għandha tinżamm fil-format indikat fl-Anness IV.

- L-entitajiet għandhom jippermettu aċċess għal membri jew persuni awtorizzati mill-Bord jew mill-ARPA għall-fini li jwettqu spezzjoni sabiex jivverifikaw il-preċiżjoni ta' kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula biex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn ir-Regolamenti.

- Il-Fornituri tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli għandhom jissottomettu rapport tal-istatus dwar is-servizz konsultattiv għall-azjendi agrikoli għall-valutazjoni mill-Bord sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Dan ir-rapport dwar l-istatus irid jitlesta kif speċifikat fl-Anness V ta' dawn il-linji gwida.

- Kwalunkwe entità tal-FAS, li għall-fini li tikseb iċ-ċertifikat għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru, tipprovdi kwalunkwe informazzjoni żbaljata jew inkella taġixxi b'mod qarrieqa jew frawdolenti, tinsab ħatja ta' reat u tkun, u fuq kundanna tkun soġġetta għal multa li ma taqbiżx l-elfejn, tlett mija u tletin euro (EUR 2,330).

## 8. RAPPORTI DWAR L-ISTATUS — KRITERJI GĦAT-TIĠDID TAL-APPLIKAZZJONI

L-attivitajiet kollha li jitwettqu mill-FAS kif imsemmi fil-punt 4 ta' dawn il-linji gwida għandhom jiġu inklużi fir-Rapport dwar l-Istatus u għandhom ikunu applikabbli għal investimenti tanġibbli u intanġibbli mwettqa minn dawn l-entitajiet, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali tagħhom kif ukoll jinġiebu f'konformità skont id-direttivi u r-regolamenti differenti.

Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu trasposti fir-rapport tal-istatus u għandhom jipprovdu referenza ċara għas-servizzi mogħtija lill-klijenti tagħha.

Ir-rapport dwar l-istatus tal-FAS kif indikat fl-Anness V irid jiġi sottomess sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena lill-Bord b'rapport annwali dwar l-istatus tal-attivitajiet konsultattivi għall-azjendi agrikoli mwettqa, inklużi l-attivitajiet imwettqa minn kwalunkwe espert esternalizzat, fit-tnax-il (12) xahar preċedenti.

## 9. KONFORMITÀ U VERIFIKA TAS-SERVIZZ

Il-FASRB f'kull ħin tista' titlob lill-ARPA li twettaq kontrolli fuq l-entità tal-FAS irreġistrata. L-ARPA imbagħad tagħżel kampjun ta' bdiewa li jagħmlu użu minn Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli mill-informazzjoni mogħtija fir-rapport dwar l-istatus tagħhom, sabiex tivverifika li l-pariri ipprovduti mill-entità tal-FAS ikunu ġew ikkonsenjati b'mod korrett u l-azzjonijiet segwiti.

L-ARPA għandha tirrapporta r-riżultati tal-kontrolli lill-FASRB flimkien ma' talba għal evalwazzjoni mill-ġdid tar-reġistrazzjoni jekk ikun meħtieġ. Jekk l-ARPA tiskopri li l-FAS kienet tat informazzjoni jew pariri ħżiena lill-klijent tagħha, din għandha tinnotifika immedjatament lill-bdiewa kkonċernati u toħroġ twissija lill-entità tal-FAS. L-entità tal-FAS hija obbligata li tieħu azzjoni korrettiva immedjata u tirrimborsa kwalunkwe spejjeż mitluba. Jekk l-azzjoni hija ripetuta, l-ARPA tista' titlob lill-FASRB biex tevalwa mill-ġdid l-istatus ta' reġistrazzjoni tal-entità li tista' wkoll twassal għall-irtirar taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika, kemm jekk pubblika jew privata, li, għall-għan li jinkiseb iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent, tagħti xi informazzjoni żbaljata jew b'xi mod taġixxi b'mod qarrieqi jew frawdolenti, tkun ħatja ta' reat u, fuq kundanna, tkun soġġetta għal multa li ma tkunx ta' aktar minn elfejn, tlett mija tletin euro (EUR 2,330). Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ieħor li jista' jintalab skont il-liġi.

## Anness I

### DIKJARAZZJONI TA’ KONFORMITÀ U IMPENN

Data:

Jiena, (daħħal l-isem sħiħ u l-kunjom tar-rappreżentant tal-Fornitur tal-FAS), is-sottoskritt, rappreżentant ta’ (daħħal l-isem tal-FAS), b’dan niddikjara l-konformità u l-impenn fir-rigward tal-Artikoli tal-L.N. 99 tal-2019 (Regolamenti tal-2019 dwar Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli).

Firma:______________________

Isem u Kunjom: _______________________

Kariga fil-FAS: _______________________

## Anness II

*Daħħal il-Logo, l-indirizz u d-dettalji tal-Fornitur tal-FAS*

### DIKJARAZZJONI TA’ NUQQAS TA’ KUNFLITT TA’ INTERESS

Data:

Jiena, hawn taħt iffirmat/a.................................., **bħala firmatarju/a awtorizzat/a** tal-kumpanija/konsorzju msemmi hawn fuq, b’dan niddikjara solennement li aħna m’aħniex qegħdin/ se nkunu fi kwalunkwe sitwazzjoni li tista’ twassal għal kunflitt ta’ interess f’dak li jikkonċerna l-prestazzjoni u/jew l-implimentazzjoni tas-servizzi offruti.

B’dan nimpenja ruħi wkoll li niżgura li l-persunal kollu (inklużi dawk ta’ kwalunkwe sottokuntratturi) involuti fit-twettiq tas-servizzi jiffirmaw kif dovut dikjarazzjoni ta’ nuqqas ta’ kunflitt ta’ interess u kunfidenzjalità.

Firma: ______________________

Isem u Kunjom: _______________________

Kariga fil-FAS: _______________________

**ANNESS III: Kategorija ta' Żoni Konsultattivi**

- **Qasam Konsultattiv A — Kundizzjonalità**:

  (a) Parir dwar Obbligi fil-livell tal-azjenda agrikola li jirriżulta minn rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMR) u l-istandards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art (GAEC). Nota (1): Il-Qasam Konsultattiv A Il-Kundizzjonalità għandha tiġi kkategorizzata fis-"subżoni" rilevanti kif ippreżentata fl-Anness II tar-Regolament.

  Nota importanti: Għal kull subżona l-applikazzjoni għas-servizzi konsultattivi dwar l-irziezet għandha tindika fejn meħtieġ l-approvazzjoni ta' kwalunkwe konsulenti tekniċi li tkun inkisbet mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti skont ir-rekwiżiti statutorji ta' tmexxija (SMRs) u l-istandards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (GAEC).

- **Qasam Konsultattiv B — Agro-ambjentali**
  **Miżuri dwar il-Klima u l-Ambjent (AECMs)**:

  Pariri dwar prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent kif stabbilit fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 dwar "Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent".

- **Qasam Konsultattiv Ċ — Programmi ta' Żvilupp Rurali:**

  Il-qasam konsultattiv Ċ huwa rilevanti għall-miżuri fil-livell ta' azjenda agrikola previsti fil-Programmi ta' Żvilupp Rurali għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, il-bini tal-kompetittività, l-integrazzjoni settorjali, l-innovazzjoni u l-orjentazzjoni tas-suq, kif ukoll għall-promozzjoni tal-intraprenditorija.

- **Qasam Konsultattiv D — Miżuri Konsultattivi dwar id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma:**

  Il-Fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jirreferu fil-livell tal-irziezet il-miżuri bażiċi għar-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu rrispettati fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali u għandhom jikkonsistu minn:

- (a) miżuri meħtieġa biex tiġi implimentata l-leġislazzjoni Komunitarja għall-protezzjoni tal-ilma, inklużi l-miżuri meħtieġa skont il-leġislazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10 tad-Direttiva u fil-parti A tal-Anness VI tad-Direttiva;
- (b) miżuri meqjusa xierqa għall-iskopijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva;
- (ċ) miżuri li jippromwovu użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma sabiex jiġi evitat li tiġi kompromessa l-kisba tal-objettivi speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva;
- (d) miżuri li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva, inklużi miżuri biex tkun salvagwardjata l-kwalità tal-ilma sabiex jitnaqqas il-livell ta' trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb;
- (e) kontrolli fuq l-estrazzjoni ta' ilma ħelu tal-wiċċ u ta' taħt l-art, u sekwestru ta' ilma ħelu tal-wiċċ, inkluż reġistru jew reġistri tal-estrazzjoni ta' l-ilma u ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal estrazzjoni u sekwestru. Dawn il-kontrolli jridu jiġu

riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn dawn il-kontrolli, estrazzjonijiet jew sekwestru li m'għandhomx impatt sinifikanti fuq stat ta' l-ilma;

- (f) kontrolli, inkluż rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel ta' recharge artifiċjali jew żieda fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art. L-ilma użat jista' jinġieb mill-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ, sakemm l-użu tas-sors ma' jokkompromettix il-kisba ta' l-għanijiet ambjentali stabbiliti għas-sors jew il-korp ta' l-ilma mimli mill-ġdid jew miżjud. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġoranti;
- (ġ) għall-iskariki ta' sors tal-punt li x'aktarx jikkawżaw it-tniġġis, rekwiżit għal regolament minn qabel, bħal projbizzjoni fuq id-dħul ta' inkwinanti fl-ilma, jew għal awtorizzazzjoni minn qabel, jew reġistrazzjoni bbażata fuq regoli ġenerali li jorbtu, li jistabbilixxu kontrolli ta' emissjonijiet għall-inkwinanti kkonċernati, inklużi kontrolli skont l-Artikoli 10 u 16 tad-Direttiva. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġoranti;
- (ħ) għal sorsi diffużi li x'aktarx jikkawżaw tniġġis, miżuri li jipprevjenu jew jikkontrollaw id-dħul ta' kontaminanti. Kontrolli jistgħu jieħdu forma ta' ħtieġa għal regolament ta' qabel, bħala projbizzjoni fuq id-dħul ta' kontaminanti fl-ilma, reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni minn qabel ibbażata fuq regolamenti ġenerali li jorbtu fejn din il-ħtieġa mhix stabbilita b'mod ieħor taħt il-leġislazzjoni Komunitarja. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġoranti;
- (I) għal kwalunkwe impatt negattiv sinifikanti ieħor fuq l-istatus tal-ilma identifikat skont l-Artikolu 5 l-Anness II, b'mod partikolari miżuri li jiżguraw li l-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi tal-korpi tal-ilma jkunu konsistenti mal-kisba tal-istatus ekoloġiku meħtieġ jew potenzjal ekoloġiku tajjeb għall-korpi tal-ilma indikat bħala artifiċjali jew modifikat ħafna. Kontrolli għal dan l-iskop jistgħu jieħdu forma ta' ħtieġa għal awtorizzazzjoni minn qabel jew reġistrazzjoni bbażata fuq regolamenti ġenerali li jorbtu fejn din il-ħtieġa mhix stabbilita b'mod ieħor taħt il-leġislazzjoni Komunitarja. Dawn il-kontrolli jridu jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġoranti;
- (j) projbizzjoni ta' rimi dirett ta' kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin: L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw riinjezzjoni fl-istess akwifer ta' ilma użat għal skopijiet ġeotermali. Huma jistgħu wkoll jawtorizzaw, filwaqt li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għal:
  — injezzjoni ta' ilma li jkun fih sustanzi li jirriżultaw mill-operazzjonijiet għall-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' idrokarburi jew attivitajiet ta' estrazzjoni, u injezzjoni ta' ilma għal raġunijiet tekniċi, f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li minnhom ikunu ġew estratti idrokarburi jew sustanzi oħra jew f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali mhumiex adatti għal finijiet oħra b'mod permanenti. Dawn l-injezzjonijiet ma' jridx ikun fihom sustanzi oħra minn dawk li jirriżultaw mill-ħidmiet imsemmija hawn fuq,
  — injezzjoni mill-ġdid ta' ilma ta' taħt l-art ippumpjat minn minjieri u barrieri jew assoċjat mal-kostruzzjoni jew il-manutenzjoni ta' xogħlijiet ta' inġinerija ċivili,
  — injezzjoni ta' gass naturali jew gass likwifikat miż-żejt (LPG) għal skopijiet ta' ħażna f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali b'mod permanenti mhumiex adattati għal skopijiet oħra,
  — injezzjoni ta' gass naturali jew gass likwifikat miż-żejt (LPG) għal skopijiet ta' ħażna f'formazzjonijiet ġeoloġiċi oħra fejn hemm ħtieġa urġenti ta' sigurtà tal-provvista tal-gass, u fejn l-injezzjoni hija tali li tipprevjeni kwalunkwe periklu preżenti jew futur ta' deterjorament fil-kwalità ta' kwalunkwe ilma ta' taħt l-art riċevitur,

— Kostruzzjoni, inġinerija ċivili u xogħlijiet ta' bini u attivitajiet simili fuq, jew fl-art li jiġu f'kuntatt ma' l-ilma ta' taħt l-art. Għal dawn l-iskopijiet, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li dawn l-attivitajiet iridu jiġu trattati bħala li ġew awtorizzati provdut li huma kondotti skont regolamenti ġenerali li jorbtu żviluppati mill-Istat Membru fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet,
— skarikar ta' kwantitajiet żgħar ta' sustanzi għal għanijiet xjentifiċi għall-karatterizzazzjoni, il-protezzjoni jew ir-rimedjar ta' korpi ta' l-ilma limitati għall-ammont strettament meħtieġ għall-għanijiet ikkonċernati:
Sakemm dan il-ħruġ ma' jikkompromettix il-kisba ta' l-għanijiet ambjentali imwaqqfa għal dak il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art;

- (K) bi qbil ma' l-azzjoni meħuda skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva, miżuri biex jiġi eliminat it-tniġġis ta' l-ilmijiet tal-wiċċ minn dawk is-sustanzi speċifikati fil-lista ta' sustanzi prijoritarji miftiehma skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva u biex jitnaqqas progressivament it-tniġġis minn sustanzi oħra li inkella jwaqqfu lill-Istati Membri milli jilħqu l-għanijiet tal-korpi ta' l-ilmijiet tal-wiċċ kif stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva;
- (L) kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiġi evitat it-telf sinifikanti ta' kontaminanti minn installazzjonijiet tekniċi, u biex jiġi evitat u jitnaqqas l-impatt ta' inċidenti ta' tniġġis aċċidentali pereżempju minħabba għargħar, inkluż permezz ta' sistemi li jidentifikaw jew jagħtu twissija ta' tali avvenimenti inkluż, fil-każ ta' aċċidenti li ma setgħux jiġu previsti b'mod raġonevoli, il-miżuri kollha xierqa biex jitnaqqas ir-riskju għall-ekosistemi akkwatiċi.

- **Qasam Konsultattiv E — Użu tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti:**
Taħt dan il-qasam, is-servizz konsultattiv għandu jikkonċerna r-rekwiżiti tal-livell tal-irziezet fil-livell tal-benefiċjarji kif definiti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, b'mod partikolari r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkorporaw il-ħtieġa ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jridu jintużaw kif suppost, fejn l-użu xieraq għandu jinkludi l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-prattika tal-protezzjoni tal-pjanti tajba u l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u speċifikati fuq it-tikketta. Huwa għandu jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/128/KE u, b'mod partikolari, mal-prinċipji ġenerali ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, kif imsemmi fl-Artikolu 14 fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.

- **Qasam Konsultattiv F — Miżuri għall-użu ta' Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara:**
F'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE, referenza għandha ssir għall-awtorità kompetenti rilevanti sabiex is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jkunu konformi mal-miżuri stabbiliti biex tiġi promossa l-ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi, u fejn possibbli tingħata prijorità lil metodi mhux kimiċi, sabiex l-utenti professjonali tal-pestiċidi jaqilbu għal prattiki u prodotti bl-aktar riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fost dawk disponibbli għall-istess problema ta' organiżmi ta' ħsara. Ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi tinkludi Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara kif ukoll biedja organika skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi.

**ANNESS IV: Il-mudell tar-Rapport dwar l-Istat tal-Bdiewa**

*Letter Head FAS*
*Nru ta' Reġistrazzjoni*

**Rapport dwar l-Istat tal-bidwi**

**Isem u Kunjom il-Bidwi:**
**Tip ta' Attività Agrikola:**
**Qasam ta' ffukar:**
**Tip/i ta' Servizz Konsultattiv:**

**Imħejjija minn:**

| (a) Verżjoni | (b) Data (parir) | (ċ) Espert | (d) Tip ta' servizz konsultattiv | (e) Data (ta' kontroll) | (f) Azzjoni Kkoreġuta (I jew L) | (g) Spejjeż (ewro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |

**Attivitajiet li ġew imwettqa**
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**Attivitajiet Ippjanati**
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**Kwistjonijiet ġodda li għandhom jiġu ttrattati**
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------
----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

------------------------------------------------------------------------------------------------------------
------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**Kwistjonijiet qodma li għadhom pendenti**
------------------------------------------------------------------------------------------------------------
------------------------------------------------------------------------------------------------------------
------------------------------------------------------------------------------------------------------------
------------------------------------------------------------------------------------------------------------
------------------------------------------------------------------------------------------------------------
------------------------------------------------------------------------------------------------------------

| | |
|---|---|
| ____________________________ | ____________________ |
| *Firma tal-koordinatur* | *Data* |

---

*(a) In-numru tal-verżjoni (in-numru konsekuttiv tas-servizz mitlub) li jirrifletti l-parir meħtieġ u l-azzjoni li ttieħdet*
*(b) Data li fiha ngħata parir/ttieħdet azzjoni*
*(ċ) Espert involut/ikkonsultat*
*(d) "tip" ta' servizz konsultattiv*
*(e) Data ta' kontroll li għamlet l-FAS biex tivverifika jekk azzjoni korrettiva kinitx ittieħdet*
*(f) Riżultati ta' azzjoni korrettiva implikata minn (e)*
*(g) Ammont mitlub f'EUR mill-FAS*

**ANNESS V: Mudell għar-Rapport tal-Istatus li għandu jiġi sottomess mill-Fornituri tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli**

*Letter Head FAS*
*Nru ta' Reġistrazzjoni*

---

**Perjodu li jkopri r-rapport:**

**Taqsima A: Dettalji tal-Klijenti**

| (a) FIC | (b) ISEM | (ċ) KUNJOM | (d) DATA TAS-SERVIZZ | (e) Metodu tat-talba (eż. posta elettronika, telefonati, eċċ.) | (f) NATURA TA' PARIR | (g) PARIR MOGĦTI | (h) ESPERT LI PPROVDA L-PARIR | (i) KUMMENTI OĦRA (JEKK APPLIKABBLI) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |

**<u>Taqsima B: Strateġiji ta' titjib, pjanijiet u/jew xiri f'isem is-Servizz Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli</u>**

**Attivitajiet li ġew imwettqa (is-sena l-oħra)**

**Attivitajiet Ippjanati (is-sena d-dieħla)**

**Titjib tar-riżorsi**

**Kwistjonijiet ġodda li għandhom jiġu ttrattati**

**Kwistjonijiet qodma li għadhom pendenti**

## Taqsima Ċ — Taħriġ għall-persunal fi ħdan l-FAS

**Attivitajiet ta’ taħriġ imwettqa (is-sena l-oħra)**

--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------

**Attivitajiet ta’ Taħriġ Ippjanati (is-sena d-dieħla)**

--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------

## Taqsima D — Taħriġ għall-persunal fi ħdan l-FAS

**Attivitajiet ta’ taħriġ imwettqa (is-sena l-oħra)**

--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------

**Attivitajiet ta’ Taħriġ Ippjanati (is-sena d-dieħla)**

--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------

## Taqsima E: “It-tipi” ta’ pariri u s-Servizzi

**Sommarju tal-parir ipprovdut (is-sena l-oħra)**

- Esperti involuti fir-rigward tal-qasam partikolari tal-kundizzjonalità jew is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
- L-aktar tipi ta’ konsulenza prominenti mitluba
- Kontrolli magħmula, u effikaċja/riżultati ta’ konsulenza pprovduta

--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------
--------------------------------------------------------------------------------

---------------------------------------------------------------------------------------------------------
---------------------------------------------------------------------------------------------------------
---------------------------------------------------------------------------------------------------------
---------------------------------------------------------------------------------------------------------
---------------------------------------------------------------------------------------------------------
---------------------------------------------------------------------------------------------------------
---------------------------------------------------------------------------------------------------------
—

| | |
|---|---|
| *Firma tal-koordinatur* | *Data* |

*(a) Isem u Kunjom il-bidwi*
*(b) Numru tal-karta tal-Identità*
*(ċ) Tip/i ta' Konsulenza - tip ta' parir li ntalab*
*(e) Espert li jipprovdi l-pariri - isem u kunjom l-espert li jipprovdi pariri*
*(f) Azzjoni meħuda - pożittivi jew negattivi b'raġuni f'każ li negattiv*
*(g) Sitwazzjoni konkluża - "Iva" jew "Le" b'raġuni jekk "Le"*
*(h) Ħlasijiet totali EUR (li tirreferi għas-6 xhur preċedenti għall-bidwi ikonċernat)*